**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 735/2022 MS*

**Oilworks Limited; u**
**Is-soċjetà estera Three-E (Energy Efficient Environment) S.A.**
**għal kull interess li jista' jkollha**

**Vs.**

**Dr John Refalo bħala kuratur deputat sabiex jidher u jiddefendi l-interessi tal-assenti Nikolay Gorthcilov**

Illum, 5 ta' Diċembru, 2024

Kawża Numru: 5

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fil-11 t'Awwissu 2022, li bih wara li huma ppremettew kif ġej:

> Is-soċjetà rikorrenti bl-isem 'Oilworks Limited' hija kumpannija reġistrata taħt il-Liġi Maltija, li taħdem id f'id mas-soċjetà estera Three-E fl-industrija taż-żejt u l-gas.
>
> L-intimat Nikolay Gorthcilov ukoll jopera f'din l-industrija; infatti, għal ċertu żmien, l-intimat kien jippreżenta ruħu bħala rappreżentant *(Manging Director)* tas-soċjetà 'Delta Oil Services', kumpannija estera li l-esponenti ngaġġaw. Il-ħlas kien isir minn Oilworks Limited.
>
> Għall-bidu, il-pagamenti kienu jsir lil Delta Oil Services direttament fil-kont bankarju tagħha, iżda f'punt partikolari, l-intimat kien informa lir-rikorrenti illi Delta kellha xi problemi bil-kontijiet bankarji tagħha, u allura talab biex il-pagamenti jsiru f'kont ieħor. Riċentement, ir-rikorrenti ntebħu illi huma kienu nqabdu f'strateġemma orkestrata mill-intimat li permezz tagħha, l-intimat stagħna indebitament għad-dannu tar-rikorrenti. Minħabba f'hekk, l-esponenti għandhom dritt jitolbu l-ħlas ta' kull ammont imħallas in eċċess.
>
> Loris Micheli [K.I. Nru. 0139794(A)] jaf personalment b'dawn il-fatti

komplew billi talbu lil din il-Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni jew ordni meqjusa neċessarja u opportuna, jogħġobha:

> 1. Tiddikjara illi l-intimat Nikolay Gorthcilov stagħna indebitament mill-flus li ħallsu r-rikorrenti, fl-ammont li għandu jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti, jekk hemm bżonn, permezz ta' periti nominati;
>
> 2. Tiddikjara, sew hux jekk flimkien mal-ewwel talba jew indipendentement minnha, illi l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti jew liem minnhom dik is-somma li għandha tiġi likwidata mill-Qorti, rappreżentanti l-eċċess imħallas mir-rikorrenti lill-intimat;
>
> 3. B'rabta mal-ewwel u/jew mat-tieni talba, tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata;
>
> Bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż legali, kontra l-intimat li minn issa jinsab inġunt għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-kuratur Dr John Refalo nomine fit-18 t'Ottubru, 2022[1], li permezz tagħha ġie eċċepit kif ġej:

> 1. Illi qabel xejn l-eccipjenti qieghed jecepixxi n-nuqqas ta' giurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' l-kawza. Il-konvenut Nikolay Gortchilov ma huwiex residenti Malta, ma ghamel ebda kuntratt li ghandu jigi esegwit Malta u ma tezisti l-ebda cirkostanza li tista tirradika il-giurisdizzjoni tal-Qorti Maltija biex tissindika l-mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tkompli tisma din il-kawza.
>
>    Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni dwar il-giurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u minghajr b' hekk ikun issottometta ruhhu ghall-giurisdizzjoni tal-Qorti l-eccipjenti jqajjem is-segwenti eccezzjonijiet:
>
> 2. Preliminarjament li Loris Micheli ghandu jipprova li ghandu l-awtorita skond il-ligi li jirrapresenta z-zewg entitajiet atturi u fin-nuqqas, il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> 3. Illi minghajr pregudizju ghal dak li ser jigi eccepit, ukoll preliminarjament, l-eccipjenti ghandu jigi mehlus minn kull talba li qed issirlu mill-hekk imsejha kumpannija estera Three-E (Energy Efficient Environment) billi din (i) ma hijiex identifikata korrettement skond il-ligi u (ii) in kwantu li ma jirrizultax mill-atti li hi hattret persuna residenti Malta biex jirrapresentaha fl-atti ta' din il-kawza.
>
> 4. Il-karenza tal-interess giudiriku fil-kawza da parti tal-hekk imsejha kumpannija attrici "Three-E (Energy Efficient Environment)" billi mhux permess persuna tagixxi ghal kull interess li jista' jkollha.
>
> 5. Illi fil-mertu ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost li l-eccipjent ma staghnax ruhhu indebitament a skapitu tal-atturi.
>
> 6. Minghajr pregudizzju ghas-suespost ma jokkorrux l-elementi tal-azzjoni *de in rem verso*, kif proposta mill-atturi.
>
> 7. Minghajr pregudizzju l-azzjoni attrici hija mproponibbli ghaliex l-atturi ghandhom rimedji ohra ghad-disposizzjoni taghhom. Fil-fatt l-atturi qed jallegaw (dejjem skond dak li

[1] Fol.15.

halef Loris Micheli) li hallsu lill-eccipjent minflok ma hallsu lil persuna ohra u kwindi li hallsu hazin jew bi zball.

8. Fi kwalsiasi kaz, l-atturi ma jisthoqqilhom ebda kumpens kwalsiasi u anzi huma ghadhom debituri tal-eccipjenti u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

9. Minghajr pregudizzju ghas-suespost in kwantu li l-rikorrent jghid li l-pagament li allegatament saru lill-eccipjenti kellhom isiru lill-kumpannija Delta Oil Services, ghandha tissejjah fil-kawza dik il-kumpannija u fin-nuqqas jigi eccepit in-nuqqas ta' integrita tal-giudizzju.

10. Il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 1027 u 2153 tal-Kodici Civili.

11. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi li huma minn issa, fil-persuni tar-rappresentanti legali taghhom, ingunti in subizzjoni.

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat li fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2022[2], din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat li qabel xejn jitressqu l-provi limitatament dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni;

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet preżentata mill-atturi;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija azzjoni li permezz tagħha l-atturi jgħidu li għamlu ħlasijiet lill-konvenut wara li ġew minnu ndotti biex jagħmlu hekk[3], liema ħlasijiet wasslu biex il-konvenut

[2] Fol.20.
[3] Ara d-dikjarazzjoni maħlufa minn Carlsten Xuereb, a fol.425.

stagħna indebitament. Huma qiegħdin għalhekk jitolbu li l-konvenut jiġi ordnat irodd dawn il-flus lura.

8. Sa fejn huma rilevanti għall-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni, l-fatti tal-każ kif jirriżultaw mill-atti huma dawn:

    i. il-konvenut huwa ta' nazzjonalità Bulgara[4] u m'huwiex residenti f'Malta u ma jidhirx li qatt kien[5];
    ii. jidher però li l-konvenut ġieli żar Malta[6];
    iii. l-attriċi Oilworks Limited hija kumpanija reġistrata f'Malta[7], filwaqt li l-attriċi Three-E (Energy Efficient Environment) S.A (li llum jisimha Blue Environment) hija kumpanija reġistrata fil-Libja[8];
    iv. il-ħlasijiet meritu tal-kawża saru minn Oilworks Limited permezz ta' kontijiet bankarji miżmuma f'bank f'Malta[9];
    v. il-konvenut ukoll għandu kont bankarju f'Malta[10], iżda l-ħlasijiet meritu tal-kawża jidher li lkoll saru f'kont li l-konvenut għandu ġewwa Bank fi Spanja[11].

9. Il-provi juru li l-konvenut huwa mill-Bulgarija, li huwa Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

10. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi jsostnu li ma saritx prova dwar id-domiċilju tal-konvenut, u għalhekk m'hemmx prova li l-konvenut huwa domiċiljat fl-Unjoni Ewropea. Skont l-atturi, dan ifisser li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament KE 1215/2012 m'humiex applikabbli u l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni għandha tiġi deċiża skont il-liġi nazzjonali.

---

[4] Ara x-xiehda tal-Ispettur Frank Sammut, a fol.27.
[5] Ara x-xiehda ta' Eleonor Vella D'Amato, a fol.24-25.
[6] Fol.30.
[7] Fol.38 kif ukoll fol.350.
[8] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Loris Micheli, a fol.37.
[9] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Loris Micheli, a tergo ta' fol.37.
[10] Ara x-xiehda ta' Joanna Bartolo, a fol.58.
[11] Ara d-dokumenti eżebiti minn fol.442-490; ad eċċezzjoni tal-fatturi li jinsabu fol.491-506, li juru ħlasijiet magħmula f'banek fit-Tuneżija u fil-Libja.

11. Hu minnu li, kif jgħidu l-atturi, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament komunitarju ċitat jgħoddu fejn il-konvenut ikun domiċiljat fi Stat Membru.

12. L-artikolu 62(1) tar-Regolament jgħid:

> Sabiex jiġi ddeterminat jekk parti jkollhiex id-domiċilju fl-Istat Membru li l-qrati tiegħu ikunu invokati bil-kwistjoni, il-qorti għandha tapplika l-liġi interna tiegħu.

13. Il-liġi Maltija ssegwi d-dritt Ingliż b'mod ġenerali f'dak li huwa dritt internazzjonali privat. Fid-deċiżjoni ***Giovanna Spiteri vs. Enrico Soler et***[12] ġie osservat illi:

> Din hija kwistjoni ta' Dritt Internazzjonali Privat, u billi fil-liġi ta' Malta ma jinsabux disposizzjonijiet li jirregolaw id-dritt internazzjonali privat, il-Qrati ta' dawn il-Gżejjer japplikaw il-prinċipji tad-Dritt Pubbliku Ingliż, u għalhekk jimxu fuq ir-regoli tad-dritt internazzjonali privat magħrufin u applikati fil-Qrati ta' l-Ingilterra, kif ġa fissret il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tad-19 ta' Ottubru 1923, in re "Valentini utrinque" (Kollez. Vol. XXV, parti I, paġ. 636)

14. Dan l-insenjament ġie segwit f'deċiżjonijiet aktar riċenti, per eżempju ***Doris Mamo noe vs. Bank of Valletta plc***[13] kif ukoll ***Eleazar Galea et vs. Dr Simon Micallef Stafrace et noe et***[14].

15. Ingħad li fil-kuntest ta' *common law* id-domiċilju huwa: «*... the equivalent of a person's permanent home. Such a definition gives a misleading air of simplicity to the English concept of domicile. It fails to mention, for example, that there are two main classes of domicile; the domicile of origin which is communicated by operation of law to each person at birth, ie the domicile of his father or his mother, ...; and the domicile of choice which every person of full age is free to acquire in substitution for that which he at present possesses*»[15]. Ingħad ukoll li r-regoli ġenerali li japplikaw għall-kuntest ta' domiċilju taħt il-liġi Ingliża huma ħamsa, u ċjoè: (a) ħadd ma jista' jkun bla

[12] Appell Superjuri, 22 t'Ottubru 1937 – Kollezz. Vol.XXIX.i.1087.
[13] Appell Superjuri, 30 ta' Lulju 2010.
[14] Prim'Awla, 12 ta' Lulju 2018.
[15] ***Cheshire, North and Fawcett***, Private International Law (Oxford University Press, 14th Edition) paġ.154.

domiċilju; (b) ħadd ma jista' jkollu aktar minn domiċilju wieħed; (ċ) domiċilju jfisser li għal persuna tapplika sistema ta' dritt territorjali, anki jekk skont dik l-istess sistema mhux kull regola kontenuta tkun neċessarjament tapplika għal kull persuna; (d) il-kontinwazzjoni tal-istess domiċilju fil-ħajja ta' persuna hija preżunta *iuris tantum;* u (e) li d-domiċilju ta' persuna għandha tiġi determinata skont il-liġi nterna tal-pajjiż[16]. Id-domiċilju b'mod ġenerali huwa manifestat mill-konnessjoni sostantiva li persuna jkollha ma' territorju partikolari. Huwa wkoll utili t-tagħlim magħmul mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Loreto Camilleri vs. Avv. Dr. George Degiorgio et nomine*** (16 ta' Marzu 1949)[17] li fih ġie ritenut hekk:

> Illi skond l-awtoritajiet "in subjecta materia", il-konċett tal-kelma "domiċilju" huwa legali, mentri dak tar-"residenza" huwa "di fatto" u materjali (ara Dicey, Conflict of Laws). Infatti, mentri taħt "residenza" jidħlu ċ-ċirkustanzi "di fatto" tad-dimora materjali f'post, fl-espressjoni "domiċilju" ma jidħolx biss it-trasport materjali, imma l-"animus" li jkun irid jippersisti fil-bniedem li jabbanduna l-post ta' l-oriġini sabiex imur joqgħod band'oħra – animu li jkun jista' jidher mill-kumpless tal-fattijiet u ċirkustanzi…
>
> Illi l-konċett tad-domiċilju skond l-Anglo-Amerikani huwa l-post jew pajjiż li fil-fatt ikun id-dar ('home') permanenti ta' persuna, jew li jkun hekk rigwardat u kkunsidrat mir-regola tal-liġi ("rule of law"); u skont id-Dicey, id-dar (home) ta' persuna huwa l-pajjiż (1) li fih fil-fatt jirresjedi bl-intenzjoni tar-residenza ("animus manendi"), (2) jew, la jkun fih hekk irrisjeda, huwa jikkontinwa fil-fatt jagħmel ir-residenza tiegħu bla ma tippermani l-intenzjoni tar-residenza (animus manendi), (3) jew li dwaru, billi jkun irrisjeda fih, huwa jirritjeni l-intenzjoni tar-residenza (animus manendi), għalkemm fil-fatt ma jkunx qiegħed jirrisjedi hemm. Minn dan jidher illi l-kelma "residenza" hija ntiża u hija użata sabiex tiddenota l-fatt fiżiku li huwa nkluż fil-kelma "dar" (home), u li l-awtoritajiet amerikani in materja ma jaċċettawx fl-użu ġenerali, il-għaliex jgħidu li hija sinonima mal-kelma "domiċilju", tant skond il-leġislatura kemm skond il-qrati tagħhom. Jingħad ukoll illi d-definizzjoni ta' Dicey hija applikabbli biss għall-persuni li jkollhom il-libertà tal-għażla ("freedom of choice");
>
> Illi fil-kwistjoni tad-domiċilju huwa tajjeb jingħad li r-regoli huma :- 1. Li kull persuna jrid ikollha xi domiċilju, u

[16] Ibidem, paġni 155-157.
[17] Kollezz. Vol.XXXIII.ii.349.

> għal dina r-raġuni kull persuna għandha d-domiċilju malli titwieled, li huwa msejjaħ id-domiċilju ta' l-oriġini ("domicil of origini"), li ma jista' qatt jiġi abbandunat, imma biss pożittivament soppjantat favur ta' domiċilju tal-għażla ("domicil of choice") (ara Volum XXVII, Parte II, paġina 350, Kummerċ, 6 ta' Marzu 1928, in re "Coleiro vs. Parnis et"); u 2. L-ebda persuna ma jista' jkollha aktar minn domiċilju wieħed simultaneament.

16. Minn dan kollu jsegwi li kull persuna hija preżunta li għandha d-domiċilju tal-oriġini tagħha, u dik il-preżunzjoni tkompli tgħodd u tapplika sakemm ma jitressqux provi inekwivoki li dik il-persuna tkun abbandunat id-domiċilju tal-oriġini favur domiċilju ieħor tal-għażla (ara, per eżempju, ***Carmelo Grech vs. P.L. Joseph Busuttil noe***, Appell Superjuri, 7 ta' Diċembru 1953)[18]. Fid-deċiżjoni ***Joseph Lepre vs. Avukat Dr. Joseph Tabone Adami et noe*** (Prim'Awla, 28 ta' Marzu 1960)[19] ġie suċċintament miżmum: «*Minn dan jidher li d-domiċilju tal-oriġini jibqa' jseħħ sakemm ma jiġix pruvat illi tbiddel u ġie assunt domiċilju ieħor*». L-istess ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Virginia Fenech vs. Avukat Dottor Giuseppe Borg Olivier et noe*** (Prim'Awla, 7 ta' Settembru 1964)[20].

17. Huwa manifest li fil-każ odjern ma jirriżultax li l-konvenut, li huwa Bulgaru u allura huwa preżunt domiċiljat hemmhekk, stabbilixxa band'oħra d-domiċilju tal-għażla tiegħu. Għalhekk il-Qorti ma tistax ħlief tippreżumi li d-domiċilju tal-oriġini tiegħu ma nbidilx, u li allura l-konvenut huwa domiċiljat fil-Bulgarija.

18. Għalhekk ir-Regolament KE 1215/2012 huwa applikabbli.

19. B'mod ġenerali, l-artikolu 4 tar-Regolament ċitat jipprovdi:

> 1. Soġġetti għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru.

---

[18] Kollezz. Vol.XXXVII.i.397.
[19] Kollezz. Vol.XLIV.ii.576.
[20] Kollezz. Vol.XLVIII.ii.1147.

> 2. Persuni li mhumiex ċittadini tal-Istat Membru li fih ikunu domiċiljati għandhom jaqgħu taħt ir-regoli ta' ġurisdizzjoni applikabbli għal ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

20. Għalhekk bħala regola ġenerali, il-ġurisdizzjoni dwar tilwima tiddependi mid-domiċilju tal-konvenut. Kif jispjega l-awtur ***Trevor Hartley***:

> Since the basic rule is that the defendant may be sued in the courts of his domicile, this form of jurisdiction is always available unless there is a specific reason why it should not be. This is stated in Brussels 2012, Recital 15, which continues:
>
> > Jurisdiction should always be available on this ground [domicile of the defendant] save in a few well-defined situations in which the subject-matter of the dispute or the autonomy of the parties warrants a different connecting factor.
>
> The exception relating to the 'subject-matter of the dispute' refers to exclusive jurisdiction under Brussels 2012, Article 24 … The exception relating to the 'autonomy of the parties' concerns exclusive choice-of-court agreements.[21]

21. Fil-fatt, skont l-artikolu 5(1) tar-Regolament komunitarju, persuna domiċiljata fi Stat Membru tista' titressaq quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor biss fil-każijiet maħsuba taħt id-dispożizzjonijiet kollokati fit-Taqsimiet 2 sa 7 tal-istess Regolament. Ir-regoli nazzjonali dwar ġurisdizzjoni japplikaw biss fejn il-konvenut ma jkun domiċiljat f'ebda Stat Membru[22].

22. Fost id-dispożizzjonijiet kollokati taħt it-Taqsimiet 2 sa 7, hemm l-artikolu 7(2), li jgħid hekk:

> Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista' tiġi mħarrka fi Stat Membru ieħor:
>
> …

[21] Civil Jurisdiction and Judgments in Europe (Oxford University Press, 2nd Edition), §7.19-7.20.
[22] Artikolu 6 tar-Regolament.

> (2) fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-avveniment dannuż jkun twettaq jew jista' jitwettaq;
>
> …

23. Dwar jekk azzjoni ta' kważi-kuntratt hijiex kompriża fit-tifsira tal-artikolu 7(2), jingħad hekk:

> Furthermore, although covered by Art 10 Rome of the II Regulation, it is commonly argued that unjust enrichment claims are not included in Art 7(2), and the expression 'matters relating to … quasi-delict', without any reference to quasi-contract, would tend to support that conclusion. The exclusion of restitution claims, (wrongly) said to have been indicated in *Kalfelis*, arguably results from the wording of Art 7(2) which refers to a 'damage': restitution claims, by their very nature, are not claims concerning responsibility for the causing of damage. In *Kleinwort Benson v Glasgow City Council*, the UK House of Lords reached the conclusion that a claim for the recovery of money paid under a supposed contract which in law never existed was not based on a contractual obligation and it was also considered irreconcilable with the wording of Art 7(2) to treat the claim as one arising in tort. Such cases would fall under Art 4 only. Similarly, the Corte di cassazione found that such obligation would arise *ex lege* and therefore belong neither to the contractual nor to the non-contractual sphere. This position is, at first sight at least, not easily reconcilable with the view of the CJEU expressed across its case law: the Court rather seemed to give Arts 5(1) and (3) an all-embracing character, by understanding the concept of tort in Art 5(3) […] as covering 'all actions which seek to establish the liability of a defendant and which are not related to a contract within the meaning of Art 5(1) [7(1)]'.[23]

24. Fid-deċiżjoni ***Kalfelis vs. Bankhaus Schröder, Münchmeyer, Hengst und Co. et*** (QEĠ, 27 ta' Settembru 1988)[24] intqal hekk:

> In order to ensure uniformity in all the Member States, it must be recognized that the concept of 'matters relating to tort, delict and quasi-delict' covers all actions which seek to

[23] ***Andrew Dickinson and Eva Lein***, The Brussels I Regulation Recast (Oxford University Press, 2015), §4.80.
[24] C-189/87.

> establish the liability of a defendant and which are not related to 'a contract' within the meaning of Article 5(1)[25].

25. Fl-istess nifs imbagħad il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għaddiet biex tosserva li: «*…the 'special jurisdictions' enumerated in Articles 5 and 6 of the Convention constitute derogations from the principle that jurisdiction is vested in the courts of the State where the defendant is domiciled and as such must be interpreted restrictively*». Dan minkejja li l-interpretazzjoni mogħtija lill-frażi «matters relating to tort, delict and quasi-delict» ma jistax jingħad li hija restrittiva.

26. L-istess interpretazzjoni ġenerika ġiet madanakollu mħaddna anki fid-deċiżjoni ***Fonderie Officine Meccaniche Tacconi SpA vs. Heinrich Wagner Sinto Maschinenfabrik GmbH (HWS)*** ((QEĠ, 17 ta' Settembru 2002)[26]. Tajjeb li jingħad li ż-żewġ każijiet ċitati kienu jirrigwardaw pretensjonijiet għar-riżarċiment ta' danni pre-kontrattwali.

27. Imbagħad fid-deċiżjoni ***Mario Reichert et vs. Dresdner Bank AG*** (QEĠ, 26 ta' Marzu 1992)[27] ingħatat interpretazzjoni dejqa lill-frażi «to establish the liability of defendant», b'mod li ġiet eskluża mit-tifsira tagħha azzjoni revokatorja bħal dik maħsuba fl-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili tagħna.

28. Fid-deċiżjoni ***Gazdasági Versenyhivatal vs. Siemens Aktiengesellschaft Österreich*** (QEĠ, 28 ta' Lulju 2016)[28] il-każ riferut lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kien proprju jitratta pretensjoni dwar arrikkiment indebitu. Minkejja li l-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fuq konsiderazzjonijiet li ma jinteressawx il-punt li qed jiġi trattat f'din id-deċiżjoni[29], fl-opinjoni li l-Avukat Ġenerali tal-Qorti Ewropea issottometta għall-attenzjoni ta' dik il-Qorti ġie osservat dan li ġej:

> 49. Ir-Regolament Nru 44/2001 għandu l-għan li jagħmel ir-regoli fuq il-ġurisdizzjoni kemm prevedibbli

[25] Li kienet id-dispożizzjoni li tikkorrispondi mal-artikolu 7 tar-Regolament Numru 1215/2012 fir-regolament komunitarju preċedenti dwar ġurisdizzjoni.
[26] C-334/00.
[27] C-261/90.
[28] C-102/15.
[29] Fil-fatt ġie deċiż li r-Regolament ma kienx applikabbli għaliex il-meritu tal-każ kien jirrigwarda multi amministrattivi, u għalhekk ma setax jitqies bħala kwistjoni ċivili jew kummerċjali.

ħafna kif ukoll ibbażati fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni tkun ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut. Il-ġurisdizzjoni dejjem għandha tkun disponibbli fuq din il-bażi, ħlief f'xi ftit sitwazzjonijiet iddefiniti tajjeb fejn is-suġġett tal-litigazzjoni jew l-awtonomija tal-partijiet jeħtieġu fattur ta' konnessjoni differenti (ġurisdizzjoni esklużiva) — pereżempju fi proċeduri dwar drittijiet *in rem* fi proprjetà immobbli. Barra minn hekk, flimkien mad-domiċilju tal-konvenut, ċerti bażijiet alternattivi ta' ġurisdizzjoni li jistrieħu fuq rabta mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja għandhom ikunu disponibbli (ġurisdizzjoni speċjali) — pereżempju l-qrati tal-post tat-twettiq ta' obbligu kuntrattwali.

50. Madankollu, dan ma jibdilx il-fatt li r-Regolament Nru 44/2001 għandu bħala premessa l-idea li l-proċeduri għandhom jinbdew fil-qorti tad-domiċilju tal-konvenut.

51. Għalhekk, mhux ta' b'xejn li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sistema ta' regoli komuni tal-għoti ta' ġurisdizzjoni prevista fil-Kapitolu II tar-Regolament Nru 44/2001 hija bbażata fuq ir-regola ġenerali, stabbilita fl-Artikolu 2(1) tiegħu, li persuni ddomiċiljati fi Stat Membru għandhom jiġu mħarrkin fil-qrati ta' dan l-Istat, irrispettivament min-nazzjonalità tal-partijiet. Huwa biss b'deroga minn dan il-prinċipju fundamentali li jagħti ġurisdizzjoni lill-qrati tad-domiċilju tal-konvenut li s-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 44/2001 tipprevedi ċertu numru ta' regoli ta' ġurisdizzjoni speċjali, bħal dawk imniżżlin fl-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament.

52. Issa, ir-regoli fuq il-ġurisdizzjoni speċjali, li jissupplimentaw ir-regola ġenerali fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 44/2001, għandhom jingħataw is-sinjifikat proprju tagħhom, iddeterminat fid-dawl tal-iskop u l-kliem u l-iskema u l-għan tar-Regolament, pjuttost milli jiġu interpretati b'mod li jċaħħadhom mill-effettività tagħhom. Madankollu, jibqa' l-fatt li għandhom jiġu interpretati b'mod ristrett fir-rigward tar-regola ġenerali u ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jagħtu lok għal interpretazzjoni li tmur lil hinn minn każijiet previsti espressament mir-Regolament. Bħala eżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li azzjoni għad-danni bbażata fuq l-allegata responsabbiltà prekontrattwali tal-konvenut (*culpa in contrahendo*) ma tistax tkun ibbażata fuq l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, imma, meta jkun possibbli, għandha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 5(3) tagħha. Huwa fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali li għandha tiġi ddeterminata d-domanda mressqa.

53. Din ir-risposta ma hijiex eżattament mingħajr ekwivoku. Il-kliem tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 ma jsemmix il-kunċetti ta' "restituzzjoni" jew "arrikkiment indebitu" bl-istess mod bħal "tort, delitt jew kwasi delitt", u lanqas ma jipprovdi indikazzjoni immedjata li azzjoni għar-restituzzjoni fuq dik il-bażi taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Id-diviżjoni netta bejn il-pożizzjonijiet tal-partijiet li ssottomettew osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dawn il-proċeduri tixhed ukoll din l-inċertezza: Siemens u l-Gvernijiet Ġermaniż u Taljan huma tal-fehma li azzjoni għall-ħlas tat-talba inkwistjoni ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001. L-Awtorità, il-Gvern Ungeriż u l-Kummissjoni huma tal-fehma opposta.

54. Madankollu, il-fehma tiegħi fuq din il-kwistjoni hija soda: talbiet għal restituzzjoni bbażati fuq arrikkiment indebitu ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001.

55. Sabiex xi ħaġa tiġi kklassifikata bħala mhux kuntrattwali għall-finijiet tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001, ġurisprudenza stabbilita teħtieġ li jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet: *l-ewwel nett*, l-azzjoni inkwistjoni għandha tfittex li tistabbilixxi r-responsabbiltà tal-konvenut u *t-tieni nett*, din ma għandhiex tirrigwarda "materji li għandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt" kif jingħad fl-Artikolu 5(1)(a) ta' dan ir-regolament.

56. Minkejja l-fatt li Siemens kienet ġiet, skont l-osservazzjonijiet tal-Awtorità, ippenalizzata talli kienet ipparteċipat fi ftehim antikompetittiv, huwa aċċettat li l-azzjoni prinċipali ma hijiex relatata ma' kuntratt. Bla dubju dan huwa korrett, billi l-azzjoni prinċipali tirrigwarda, minflok, talba għar-restituzzjoni bbażata fuq allegat arrikkiment indebitu ta' Siemens għad-dannu tal-Awtorità bl-ebda bażi kuntrattwali.

57. Għalhekk, il-kwistjoni li trid tiġi indirizzata hija jekk l-azzjoni hijiex intiża sabiex tistabbilixxi responsabbiltà min-naħa ta' Siemens.

58. Dan ma huwiex il-każ.

59. *L-ewwel nett*, nixtieq infakkar li hija ġurisprudenza stabbilita li r-regola fuq il-ġurisdizzjoni speċjali stabbilita fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 hija bbażata fuq l-eżistenza ta' fattur ta' konnessjoni partikolarment mill-qrib bejn it-tilwima u l-qrati tal-post fejn il-ġrajja ta'

dannu seħħet jew tista' sseħħ, li tiġġustifika l-għoti ta' ġurisdizzjoni lil dawk il-qrati għal raġunijiet relatati mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u t-tmexxija effikaċi tal-proċeduri. F'materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt u kważi delitt, il-qrati tal-post fejn seħħet jew tista' sseħħ il-ġrajja dannuża huma s-soltu l-iktar xierqa biex jiddeċiedu l-każ, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' prossimità u l-faċilità biex jinkisbu l-provi. L-espressjoni "post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq jew jista' jitwettaq", li tidher f'din id-dispożizzjoni, hija intiża sabiex tkopri kemm il-post fejn seħħ id-dannu u kif ukoll il-post tal-ġrajja li tagħti lok għalih, fil-qrati ta' kwalunkwe post minn dawn. Barra minn hekk, ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tista' tirriżulta biss bil-kundizzjoni li tista' tiġi stabbilita rabta kawżali bejn id-dannu u l-ġrajja fejn joriġina d-dannu.

60. Min dan isegwi li r-regola dwar il-ġurisdizzjoni speċjali prevista fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 teħtieġ li jkun seħħ "l-effett" li jagħti lok għal "ħsara" — fi kliem ieħor, telf.

61. Iżda b'kuntrast, azzjoni għar-restituzzjoni fuq il-bażi ta' arrikkiment indebitu ma hijiex bbażata fuq telf. Għalkemm ir-Regolament Nru 44/2001 ma fih l-ebda definizzjoni ta' "restituzzjoni" jew "arrikkiment indebitu", naħseb li nista' niddeskrivihom b'dan il-kliem. B'mod differenti minn azzjoni li trid tistabbilixxi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-konvenut, li għandha l-għan li tneħħi l-ħsara jew it-telf li r-rikorrent ġarrab u li għalihom il-konvenut huwa allegat li huwa responsabbli minħabba l-aġir jew l-ommissjoni tiegħu jew raġunijiet oħrajn attribwibbli għalih, azzjoni għal restituzzjoni bbażata fuq arrikkiment indebitu għandha l-għan li tagħti lura lir-rikorrent benefiċċju li l-konvenut kien akkwista b'mod illeġittimu għad-dannu tar-rikorrent (jew ħlas tal-ekwivalenti monetarju tiegħu). Kif sostna essenzjalment il-Gvern Ġermaniż, ir-restituzzjoni fuq il-bażi ta' arrikkiment indebitu jiffoka għalhekk b'mod inerenti fuq *il-gwadann li jikseb il-konvenut pjuttost milli t-telf li ġarrab ir-rikorrent.* L-arrikkiment indebitu huwa l-kawża tal-azzjoni, u r-rimedju huwa r-restituzzjoni. Għalhekk, ma naqbilx mal-fehma li s-sempliċi nuqqas li tintlaqa' talba inkontestata jammonta għal "effett tal-ħsara" li jagħti lok għat-telf.

62. Barra minn hekk, għalkemm ir-restituzzjoni fuq il-bażi ta' arrikkiment indebitu teħtieġ li l-arrikkiment ikun illeġittimu, dan ma jikkoinċidix mar-responsabbiltà mhux kuntrattwali. Apparti l-fatt li jkun hemm bżonn ta' telf u rabta kawżali mal-aġir tal-konvenut, ir-responsabbiltà

mhux kuntrattwali tippreżupponi wkoll li hemm xi bażi biex jiġi deċiż li l-konvenut huwa responsabbli għat-telf li ġarrab ir-rikorrent, kemm fil-forma ta' intenzjoni, traskuraġni jew anki ta' responsabbiltà oġġettiva. Iżda, l-irkupru ta' somma mħallsa inġustament ma jiddependix neċessarjament fuq jekk l-azzjonijiet tar-riċevent kinux ineċċepibbli. B'mod simili, bħala kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni, meta l-imposti jkunu ntalbu minn Stat Membru b'mod li jkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, il-ħlas lura tagħhom ma huwiex ibbażat fuq il-premessa ta' xi responsabbiltà min-naħa ta' dan l-Istat Membru. Iżda mill-banda l-oħra, id-dritt għad-danni minn Stat Membru minħabba r-responsabbiltà tiegħu għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni jippreżupponi li jitħarsu ċerti kriterji magħrufin sew stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja. Isegwi li, kuntrarjament għal dak li ssuġġerixxa l-Gvern Ungeriż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-fatt li jista' ma jkunx għal kollox possibbli, skont id-dritt Ungeriż li ssir distinzjoni bejn l-illeġittimità ta' arrikkiment partikolari, minn naħa, u t-telf min-naħa l-oħra, ma huwa ta' ebda rilevanza billi, għal darba oħra, id-dritt nazzjonali ma huwiex deċiżiv meta ssir interpretazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001.

63. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma ntalbitx tinterpreta l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 f'Sapir *et*, li rrigwardat ukoll il-kwistjoni ta' restituzzjoni, deċiżjonijiet oħrajn tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdu ċertu grad ta' sostenn għall-fehma tiegħi.

64. Fil-kawża Kalfelis, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tgħid, *inter alia*, jekk "l-Artikolu 5(3) tal-[Konvenzjoni ta' Brussell] jagħti[x], fir-rigward ta' kawża bbażata fuq talbiet ta' tort u kuntrattwali *u għall-arrikkiment indebitu*, ġurisdizzjoni aċċessorja minħabba konnessjoni fattwali anki fir-rigward ta' talbiet mhux ibbażati fuq tort" (enfażi miżjuda), u l-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li "qorti li għandha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 5(3) fuq kawża sa fejn hija bbażata fuq tort jew delitt ma għandhiex ġurisdizzjoni fuq dik il-kawża meta ma tkunx ibbażata fuq hekk". Huwa veru li l-Qorti tal-Ġustizzja ma indikatx jekk ikkunsidratx li l-arrikkiment indebitu jammontax għal tort, delitt jew kważi delitt: hija sempliċiment eskludiet l-possibbiltà li l-Artikolu 5(3) seta' jkopri azzjoni li ma kinitx ibbażata fuq responsabbiltà mhux kuntrattwali. Madankollu, id-deċiżjoni tikkonferma li hemm konsapevolezza tad-differenzi inerenti bejn id-diversi tipi ta' relazzjonijiet legali.

65. Barra minn hekk, fis-sentenza Reichert u Kockler II, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 5(3) tal-

Konvenzjoni ta' Brussell ma kienx jipprovdi ġurisdizzjoni speċjali għal tip partikolari ta' azzjoni ta' natura kważi restituzzjonali skont id-dritt Franċiż tal-insolvenza (*actio pauliana*). Din l-azzjoni għandha l-għan mhux li d-debitur jiġi ordnat jagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat mill-kreditur tiegħu bl-aġir frawdolenti tiegħu, iżda li trendi ineffettiva, kontra l-kreditur tiegħu, dispożizzjoni li saret mid-debitur, anki fir-rigward ta' terzi.

66. Għalhekk, ma naqbilx mal-fehma tal-Avukat Ġenerali Darmon meta f'kawża sussegwenti sostna li, bid-definizzjoni tal-kwistjoni dwar it-tort, delitt u kważi delitt mogħtija fis-sentenza Kalfelis, il-Qorti tal-Ġustizzja "inkludiet taħt materji ta' tort talba bbażata fuq arrikkiment indebitu". Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kienx meħtieġ li tingħata deċiżjoni fuq id-domandi li saru lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dak il-każ u ma ħadet l-ebda pożizzjoni fir-rigward tal-fehma tal-Avukat Ġenerali.

67. Għall-finijiet ta' kompletezza, inżid ngħid li diversi qrati supremi tal-Istati Membri ddeċidew li azzjoni bbażata fuq restituzzjoni għal arrikkiment indebitu ma kinitx tinvolvi kwistjoni ta' tort, delitt jew anki kważi delitt. Għalhekk, ma huwiex sorprendenti li l-kummentaturi ma tantx xtaqu jikklassifikaw talbiet għar-restituzzjoni bħala talbiet li jirrigwardaw responsabbiltà mhux kuntrattwali.

68. *It-tieni nett,* jekk l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 jiġi interpretat li jinkludi kawżi għar-restituzzjoni fuq il-bażi ta' arrikkiment indebitu, dan ikun ifisser li r-regoli fuq il-ġurisdizzjoni speċjali jkunu qed jiġu interpretati b'mod wiesa', kuntrarjament għar-regoli ta' interpretazzjoni aċċettati. Barra minn hekk, dan iġib distorsjoni tas-sistema li joħloq ir-Regolament, kif imsemmi iktar 'il fuq fil-punti 49 sa 52.

…

71. *It-tielet nett*, analiżi kuntestwali, li tinkludi ħarsa ġenerali ta' regoli oħrajn tad-dritt privat internazzjonali tal-Unjoni, tikkonferma l-fehma mfissra iktar 'il fuq.

72. L-ewwel nett, kif fil-fatt sostna l-Gvern Ġermaniż, isegwi mill-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 li, meta mqabbel ma' kwistjonijiet kuntrattwali u mhux kuntrattwali, fix-xenarju tas-soltu, id-dritt privat internazzjonali tal-Unjoni jqis l-arrikkiment indebitu bħala li qiegħed f'kategorija għalih. Għalkemm ir-Regolament Nru 44/2001 ġie qabel ir-Regolament

> Nru 864/2007, il-leġiżlatura tal-Unjoni kkunsidrat li l-kamp ta' applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet sostantivi ta' wieħed għandhom ikunu konsistenti ma' dawk tal-ieħor.
>
> 73. It-tieni nett, kemm l-Artikolu 5(4) tar-Regolament Nru 44/2001 kif ukoll l-Artikolu 7(3) tal-verżjoni rriformulata ta' dan ir-regolament, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 1215/2012, fihom kapijiet ta' ġurisdizzjoni speċjali dwar "talb[iet] ċivili għal danni *jew restituzzjoni* li [jkunu bbażati] fuq att li jagħti lok għal proċedimenti kriminali, fil-qorti li quddiemha jiġu istitwiti tali proċedimenti" (enfasi miżjuda) minflok ma jgħaqduhom mal-kap ġenerali ta' ġurisdizzjoni dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali. Barra minn hekk, ir-Regolament Nru 1215/2012 issa jipprovdi wkoll għal kap ta' ġurisdizzjoni speċjali dwar "talb[iet] ċivili għall-*irkupru*, fuq il-bażi tal-pussess, ta' oġġett kulturali kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 1 tad-[Direttiva 93/7] […] fil-qrati għall-post fejn l-oġġett ikun jinsab fil-mument meta tiġi invokata l-qorti" (enfasi miżjuda). Fiż-żewġ eżempji, hemm fattur ta' konnessjoni ċar li jorbot dawn il-proċeduri għar-restituzzjoni jew l-irkupru mal-qrati ta' Stat Membru li ma jkunx dak tad-domiċilju tal-konvenut; rabta li hija differenti minn dik msemmija fil-punt 59 iktar 'il fuq. Għandu jiġi nnotat ukoll il-fatt li l-kliem tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1215/2012 juri li l-leġiżlatura tal-Unjoni ma qisitx li kien meħtieġ li jitwessa' l-kap tal-ġurisdizzjoni speċjali dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali. Dan kollu jikkonferma l-fehma li talbiet għall-irkupru jew restituzzjoni huma ttrattati sistematikament b'mod distint minn talbiet għal ħlas ta' danni ġejjin minn responsabbiltà mhux kuntrattwali.

29. Il-kwistjoni ġiet finalment indirizzata mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni ***HRVATSKE ŠUME d.o.o., Zagreb vs BP Europa SE*** (QEĠ, 9 ta' Diċembru 2021)[30] fejn ġie ritenut dan li ġej:

> 38 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 3 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001 għandux jiġi interpretat fis-sens li azzjoni għal ħlas lura bbażata fuq arrikkiment indebitu taqa' taħt il-ġurisdizzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.
>
> …

[30] C-242/20.

42 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-azzjonijiet li jaqgħu taħt materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt, għandu jiġi rrilevat li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt", fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001 jinkludi kull talba intiża li tistabbilixxi r-responsabbiltà ta' konvenut u li ma hijiex marbuta ma' materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt, fis-sens tal-punt 1(a) tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2020, Wikingerhof, C-59/19, EU:C:2020:950, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Minn dan isegwi li, sabiex jiġi ddeterminat jekk azzjoni għal ħlas lura bbażata fuq arrikkiment indebitu taqax taħt materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt, fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, għandu jiġi vverifikat jekk żewġ kundizzjonijiet humiex issodisfatti, jiġifieri, minn naħa, li din l-azzjoni ma hijiex marbuta ma' materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt, fis-sens tal-punt 1(a) tal-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament, u, min-naħa l-oħra, li hija intiża li tistabbilixxi r-responsabbiltà ta' konvenut.

44 Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, il-materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt, fis-sens ta' dan l-artikolu tal-aħħar, jinkludu kull talba bbażata fuq obbligu li persuna liberament taċċetta lejn persuna oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2020, Ellmes Property Services, C-433/19, EU:C:2020:900, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Issa, għandu jiġi osservat, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 45 tal-konklużjonijiet tiegħu, li, fil-kuntest ta' talba għal ħlas lura bbażata fuq arrikkiment indebitu, l-obbligu ta' ħlas lura invokat mir-rikorrent ma jirriżultax, bħala regola ġenerali, minn impenn volontarju tal-konvenut lejh iżda jitnissel indipendentement mir-rieda tiegħu. Minn dan isegwi li tali talba għal ħlas lura ma taqax, bħala prinċipju, taħt materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt, fis-sens tal-punt 1(a) tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001.

46 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-qari flimkien tal-punt 3 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001 u tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 864/2007, li huwa, fil-qasam tal-kunflitti tal-liġijiet, il-kontroparti ta' dak li jikkostitwixxi, fil-qasam tal-kunflitti ta' ġurisdizzjoni, dan il-punt 3 tal-Artikolu 5, peress li għandu jitfakkar li dawn iż-żewġ regolamenti għandhom,

sa fejn huwa possibbli, jiġu interpretati b'mod koerenti. Fil-fatt, l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 864/2007 jipprovdi li l-obbligu ta' ħlas lura li joriġina minn arrikkiment indebitu huwa kkunsidrat obbligu mhux kuntrattwali, li jaqa' taħt dan ir-regolament u li huwa s-suġġett, skont l-Artikolu 10 tiegħu, għal regoli ta' kunflitt ta' liġijiet speċifiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, ERGO Insurance u Gjensidige Baltic, C-359/14 u C-475/14, EU:C:2016:40, punti 45 u 46).

47 Madankollu, sabiex tingħata risposta kompleta lill-qorti tar-rinviju, għandu jingħad ukoll li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 48 sa 52 tal-konklużjonijiet tiegħu, talba għal ħlas lura bbażata fuq arrikkiment indebitu tista', f'ċerti ċirkustanzi, tkun strettament marbuta ma' relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet fit-tilwima u, konsegwentement, titqies li taqa' taħt il-"materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt", fis-sens tal-punt 1(a) tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament.

48 Fost dawn iċ-ċirkustanzi hemm dik fejn it-talba għal ħlas lura bbażata fuq arrikkiment indebitu hija marbuta ma' relazzjoni kuntrattwali li kienet teżisti qabel bejn il-partijiet. Pereżempju, kif irrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan ikun il-każ fejn ir-rikorrent jinvoka arrikkiment indebitu b'rabta stretta ma' obbligu kuntrattwali li huwa jikkunsidra bħala invalidu jew li ma ġiex eżegwit mill-konvenut, jew ukoll li huwa jikkunsidra li ġie "sovraeżegwit", sabiex jiġġustifika d-dritt tiegħu għal ħlas lura.

49 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà qieset li talba għal ħlas lura ta' prestazzjonijiet ipprovduti abbażi ta' kuntratt invalidu taqa' taħt tali materji (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' April 2016, Profit Investment SIM, C-366/13, EU:C:2016:282, punti 55 u 58).

50 Mill-bqija, tali rabta hija konformi mal-għanijiet ta' prossimità u ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, imfittxija mill-punt 1(a) tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001, li jimplikaw li l-qorti tal-kuntratt tista' tippronunzja ruħha fuq il-konsegwenzi tal-invalidità tiegħu, tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tiegħu jew tas-"sovraeżekuzzjoni" tiegħu u, għaldaqstant, fuq l-eventwali ħlasijiet lura li jirriżultaw minn dan, peress li hemm rabta partikolarment stretta bejn it-talba u l-qorti tal-post fejn l-obbligu li jservi ta' bażi għat-talba ġie eżegwit jew għandu jiġi eżegwit, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

51 Mill-premess jirriżulta li azzjoni għal ħlas lura bbażata fuq arrikkiment indebitu ma taqax taħt materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt u, b'hekk, tissodisfa l-ewwel kundizzjoni prevista fil-punt 43 ta' din is-sentenza, sakemm din l-azzjoni ma tkunx strettament marbuta ma' relazzjoni kuntrattwali li kienet teżisti qabel bejn il-partijiet.

52 Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni msemmija f'dan l-istess punt ta' din is-sentenza, għandu jiġi vverifikat jekk azzjoni għal ħlas lura bbażata fuq arrikkiment indebitu hijiex intiża sabiex tistabbilixxi r-responsabbiltà ta' konvenut.

53 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan huwa l-każ meta fatt dannuż, fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001, jista' jiġi imputat lill-konvenut, sa fejn huwa akkużat b'att jew ommissjoni li tmur kontra dmir jew projbizzjoni imposta mil-liġi. Fil-fatt, responsabbiltà delittwali jew kważi delittwali tista' tittieħed inkunsiderazzjoni biss bil-kundizzjoni li tkun tista' tiġi stabbilita rabta kawżali bejn id-dannu u l-fatt illegali li fih dan id-dannu jsib l-oriġini tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' April 2016, Austro-Mechana, C-572/14, EU:C:2016:286, punti 40, 41 u 50 u l-ġurusprudenza ċċitata).

54 Għandu jingħad ukoll, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 61 tal-konklużjonijiet tiegħu, li dawn il-preċiżazzjonijiet japplikaw mingħajr distinzjoni għall-materji kollha li għandu x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt, mingħajr ma hemm lok li ssir distinzjoni speċifika fir-rigward tal-materji li għandhom x'jaqsmu ma' kważi delitt. Fil-fatt, minbarra l-fatt li l-espressjoni "kważi delitt" ma tinsabx fil-verżjonijiet Daniża, Estonjana, Olandiża, Portugiża, Slovakka, Finlandiża u Svediża tal-punt 3 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001, il-kunċett ta' "kważi delitt" ma jirreferix għal sitwazzjonijiet ikkaratterizzati minn assenza ta' fatt dannuż daqs kemm għal sitwazzjonijiet li fihom il-fatt dannuż jitwettaq permezz ta' imprudenza jew negliġenza. Għaldaqstant, talba ma tistax taqa' taħt materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt meta r-responsabbiltà tal-konvenut li hija inkwistjoni ma tkunx ibbażata fuq l-eżistenza ta' fatt dannuż, fis-sens espost fil-punt preċedenti.

55 Issa, talba għal ħlas lura bbażata fuq arrikkiment indebitu tistrieħ fuq obbligu li ma joriġinax minn fatt dannuż. Fil-fatt, dan l-obbligu jitnissel indipendentement mill-aġir tal-konvenut tant li ma teżistix rabta kawżali li

> tista' tiġi stabbilita bejn id-dannu u att jew ommissjoni illegali eventwali mwettqa minnu.
>
> 56 Għaldaqstant, talba għal ħlas lura bbażata fuq arrikkiment indebitu ma tistax taqa' taħt materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt, fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001.
>
> …
>
> 58 Għandu jiġi osservat ukoll li huwa possibbli li talba għal ħlas lura bbażata fuq l-arrikkiment indebitu la taqa' taħt il-materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt, fis-sens tal-punt 1(a) tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001, u lanqas taħt il-materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt, fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, dan ikun il-każ meta din it-talba ma tkunx strettament marbuta ma' relazzjoni kuntrattwali li kienet teżisti qabel bejn il-partijiet fit-tilwima kkonċernata.
>
> 59 F'tali sitwazzjoni, talba għal ħlas lura bbażata fuq arrikkiment indebitu taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-konvenut, skont ir-regola ġenerali prevista fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 44/2001.

30. Il-Qrati Maltin ukoll kienu diġà ħadu din il-pożizzjoni (ara ***Barry Michael Whitmore vs. Elisabeth Fraissenon***, Prim'Awla, 17 ta' Ġunju 2021). Fil-każ odjern ir-relazzjoni bejn il-kontendenti wkoll hija karatterizzata minn assenza ta' rapport kontrattwali fis-sens komunitarju tal-kelma (kif ukoll fis-sens ċivili kif miftiehem fil-liġi Maltija). Il-konvenut ma kellu ebda relazzjoni kontrattwali mal-atturi, iżda kien biss l-institur u mpjegat ta' kumpanija li magħha l-atturi kienu jeżerċitaw il-kummerċ. Għalhekk iċ-ċirkostanzi previsti fid-deċiżjoni fuq imsemmija japplikaw ukoll għall-każ odjern, u din il-Qorti m'għandhix wisq x'iżżid magħhom.

31. Għalhekk jirriżulta li l-Qrati li għandhom ġurisdizzjoni biex iqisu l-pretensjoni tal-atturi huma l-Qrati tal-Istat Membru li fih jinsab domiċiljat il-konvenut.

32. Kif diġà ingħad aktar qabel, jirriżulta li l-konvenut huwa preżunt domiċiljat fil-Bulgarija. Isegwi li din il-Qorti m'għandhiex il-ġurisdizzjoni sabiex tisma' u taqta' din il-kawża.

33. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-atturi.

L-ispejjeż ikunu a karigu tal-atturi.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur